# L-Għaqda Mużikali San Ġużepp
## L-Istorja tagħha

Is-Sur Harry Zammit Cordina - President Onorarju

L-Għaqda Mużikali San Ġużepp miexja lejn il-125 sena tagħha li jaħbat nhar it-18 ta' Awwissu, 2014.

Kien il-ħsieb tas-Segretarju Ġenerali, is-Sur Mario Spiteri li sa dak il-jum is-Soċjetà tagħna jkollha l-istorja tagħha kompluta. Għal dan il-għan talabni biex flimkien ma' dak li kien kiteb il-ħabib kbir tagħna s-Sur Joseph Mifsud Matrenza meta fakkarna l-ewwel mitt sena tas-Soċjetà, inkomplu fuqu sa kemm naslu għaż-żminijiet tal-lum.

Ħsibna biex sal-2014 naqsmu il-125 sena f'erba' biex b'hekk kull festa ta' San Gejtanu, minn din li qed niċċelebraw illum sa dakinhar tal-2014 nippubblikaw ftit aktar minn 30 sena ta' storja tas-Soċjetà tagħna. Kif wieħed jifhem, ġaladarba diġà għandna l-istorja sa dakinhar li għamilna l-ewwel ċentinarju, allura l-ewwel tliet segmenti tal-istorja se jkunu bbażati minn fuq dak li kien kiteb Joe Mifsud Matrenza għalkemm dan ma jfissirx li ser nipproduċuh kelma b'kelma.

Tajjeb li ngħidu li wara dak ir-rigal ta' Joseph Mifsud Matrenza lis-Soċjetà tagħna, jien bħala President tas-Soċjetà kont ħadt ħsieb li l-awtur jingħata l-ġieħ ta' President Onoraju.

Fid-daħla tiegħu għall-istess ktieb, Joseph Mifsud Matrenza, fost ħwejjeġ oħra kien kiteb:

*L-għan ta' dan il-ktieb hu li l-imseħbin ta' din is-Soċjetà jkunu jafu l-aktar ġrajjiet storiċi li għaddiet minnhom din is-Soċjetà matul il-mitt sena li ilha*



*mwaqqfa. Dan qegħdin nagħmluh l-ewwelnett biex infakkruhom bl-isem sabiħ li kisbet s-Soċjetà fil-qasam mużikali u f'oqsma oħra soċjo-kulturali u t-tieni biex dan il-wirt mużikali u soċjo-kulturali li ħallewlna missirijietna nsaħħuh u ngħadduh lil uliedna.*

Fl-aħħar paragrafu tal-istess daħla, Joe Mifsud Matrenza ssokta:

*"Fl-aħħarnett, nixtieq niddedika dan il-ktieb lill-mijiet ta' amministraturi u eluf ta' soċi u bandisti li għalkemm isimhom ma jidhirx f'dawn il-ġrajjiet, kienu huma "is-Suldati mhux magħrufa" li bis-saħħa ta' moħħhom, buthom u dirgħajhom żammew dan il-każin bħala istitut tal-Arti tal-Mużika u bħala istituzzjoni ta' ħafna ħidmiet soċjo-kulturali għall-edukazzjoni u rikreazzjoni tal-kotra."*

Fl-ewwel paragrafu tal-istorja Joseph Mifsud Matrenza jitkellem dwar l-element bandistiku fis-seklu dsatax fil-Gżejjer Maltin u mbagħad jgħaddi biex jikteb dwar is-Soċjetà tagħna.

## L-ewwel Banda tal-Ħamrun

L-influwenza ta' dan il-moviment bandistiku nħasset sewwa ġol-Ħamrun, li fis-snin tmenin tas-seklu dsatax kien subborg ta' madwar 4000 ruħ mhux bħal-lum belt miżgħuda b'popolazzjoni ta' madwar 14000 ruħ. Dan il-moviment li terraq bosta rħula u bliet sab ħafna aderenti u promuturi ġol-Ħamrun. Il-għadd ta' dawn kien tnax imma l-aktar persunaġġ li wera interess fenominali u entużjażmu kbir kien is-Sur Ġużeppi Mintoff. Dan il-promutur imqanqal mill-imħabba għall-banda, mixgħul bi spirtu parrokkjali, u animat mill-iżvilupp enormi li għamlu ċertu baned ġo Malta, ħeġġeġ grupp ta' żgħażagħ Ħamruniżi biex jieħdu kors ta' studju mużikali bl-iskop li jiffurmaw banda kbira. Dan l-appell kellu tweġiba hekk tajba u sodisfaċenti, li fi ftit ġimgħat, il-għadd tal-istudenti li bdew jattendu għal-lezzjonijiet tal-mużika laħaq mat-tletin.

Xi mużiċisti Ħamruniżi li kienu suldati mar-reġimenti Maltin jew impenjati ma' xi baned oħra bħal Giuseppi Bartolo, Pawlu Cutajar u oħrajn inqabdu f'dan il-kurrent mużikali. Huma wkoll urew sens ċiviku u patrijottiku u ngħaqdu ma' dan il-moviment żagħżugħ ħalli jsaħħuh; u b'hekk din ix-xitla li kienet għadha kif nibtet, kibret f'siġra b'saħħitha li bdiet tipproduċi f'qasir żmien, frott bnin u ħelu.

Kull bidu għandu d-diffikultajiet tiegħu; u fil-każ tat-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Ħamrun, dawn id-diffikultajiet ma naqsux anzi żdiedu fil-għadd. Imma l-ħila, il-ħidma, il-ħeġġa u l-ħerqa ta' dan in-nuklew tal-promuturi qalbiena, ispirati mill-ħabrieki Surmast C. Doneo u nkoraġġiti minn xi bandisti professjonali ma qatgħu qalbhom minn xejn u għelbu kull diffikultà u warrbu kull ostakolu biex waslu għall-iskop nobbli tagħhom li jiffurmaw banda formali b'elementi kollha meħtieġa.

Dan kien il-bidu tal-ewwel banda Ħamruniża, il-Filarmonka San Ġużepp li mal-medda tas-snin tant kibret u ssaħħet li minnha xxettlu fergħat mużikali oħra.

## L-isem tas-Soċjetà San Ġużepp

Id-data storika u memorabbli tat-twaqqif tal-ewwel Soċjetà Filarmonika ġol-Ħamrun kienet it-18 ta' Awwissu 1889, taħt il-presidenza tas-Sur Temi Conti, bl-isem ta' "Socjetà Filarmonica San Giuseppe"; data li tibqa' minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja soċjo-kulturali tal-Ħamrun. F'dan il-jum glorjuż il-Każin itella' l-bandiera tas-Soċjetà biex ifakkar lill-Ġużeppini u lill-Ħamruniżi fil-*birthday* tal-ewwel banda Ħamruniża.

Ħafna Ħamruniżi u dilettanti tal-banda jistaqsu x'kienu r-raġunijiet li s-Soċjetà San Ġuzepp ma ssemmietx għall-Patrun Qaddis tal-Parroċċa San Gejtanu, meta din is-Soċjetà twaqqfet tmien snin wara li l-Knisja ta' San Gejtanu kienet ilha diġà parroċċa.



Dawn huma xi verżjonijiet li l-ewwel amministraturi b'konsultazzjoni mal-promuturi għażlu dan l-isem għażiż u qaddis għall-banda għax:

1. dak iż-żmien il-Ħamrun kien għadu magħruf bħala 'Casale jew Subborgo San Giuseppe'
2. l-ewwel Każin uffiċjali nfetaħ 'Via San Giuseppe', triq storika u arterjali f'Malta;
3. ħafna mill-promuturi u mill-ewwel membri kien jisimhom Ġużeppi għar-raħal tagħhom;
4. l-iskola primarja li kienu jattendu l-istudenti ż-żgħar kienet jisimha 'Scuola Primaria di San Giuseppe e Samra';
5. qabel l-inawgurazzjoni tal-Każin, ġiet irregalata statwa sabiħa tal-ġebel ta' San Ġużepp, xogħol l-iskultur Vincenzo Dimech;
6. l-Ħamruniżi ta' dak iż-żmien kellhom qima speċjali lejn San Ġużepp, Missier il-Bambin Ġesù;
7. is-Soċjetà mxiet mat-tradizzjoni li qabel is-sena 1883 l-ebda banda mużikali tal-ibliet u rħula ma' kienet marbuta ma' xi isem partikolari ta' xi parroċċa.

## L-ewwel Presidenti tas-Soċjetà



**Is-Sur Temi Conti** kien l-ewwel president tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp u serva f'din il-kariga bejn l-1889 sal-1896. Huwa reġa' ħa t-tmexxija tas-Socjetà bejn l-1904 sal-1925.

Is-Sur Temi Conti kien iben l-Imħallef Giovanni Conti u huwa mifhum li Triq San Giovanni li tiġi

wara l-knisja kienet imsemmija għalih. Temi Conti kellu personalità kbira u kien magħruf mill-Ħamrun kollu. Kien benestant bħal missieru u kellu ħafna artijiet in-naħa tal-knisja. Fil-fatt l-art li fuqha kienet mibnija l-knisja ta' San Gejtanu kienet ta' missieru. Is-Sur Temi kien oratur kbir u influwenti fi kliemu.

Kien anki jitkellem f'meetings politiċi biex iqajjem kuxjenza dwar trattament aktar ġeneruż mill-awtoritajiet Imperjali fl-amministrazzjoni ta' pajjiżna. L-akbar namra tiegħu wara l-politka kienet il-mużika partikolarment l-opera lirika li tant kienet in voga fil-bidu tas-seklu.

Malli s-Sur Conti laħaq president huwa trasferixxa l-każin mit-Triq San Gejtanu, li fiha kienet l-ewwel sede tas-Soċjetà għal Triq San Ġużepp. L-iskop kien li l-każin ikun milħuq minn ħafna nies u li fih isiru attivitajiet soċjo-mużikali li jkabbru kemm il-fondi tas-Soċjetà kif ukoll l-isem tagħha.



Jidher li fl-1896 is-Sur Conti ddimetta mill-presidenza minħabba xi kwistjonijiet amministrattivi. Wara laħaq **is-Sur Gavin Portelli.**

Iben it-tabib Ġużeppi Portelli, is-Sur Gavin, kif kien magħruf mill-Ħamruniżi, kien twieled Raħal Ġdid fl-1862. Meta żżewweġ huwa ġie joqgħod il-Ħamrun fi Triq San Ġużepp. Huwa kien sinjur minn daru u sinjur ukoll fi kliemu. Kien soċjevoli u jħobb jindiehes mas-soċi kollha li kien jistmahom bħala ħutu. Is-Sur Gavin kien bniedem edukat u dilettant tal-mużika. Kellu namra kbira għall-baħar u kien iqatta' s-sajf mal-familja tiegħu f'San Pawl il-Baħar.

Is-Sur Gavin dam president għal ftit aktar minn sena u f'dan il-perjodu relattivament qasir huwa pprova jqajjem ċertu interess fil-banda u



jgħolli l-livell tagħha. Għal dan l-iskop huwa wiegħed żewġ medalji tal-fidda bħala inċentiv; waħda lil dak il-bandist li jagħmel l-iktar progress fil-mużika u l-oħra lil dak il-bandist li jattendi l-ikbar numru ta' kunċerti. B'żieda ma' dan, biex aktar jinkoraġġixxi lill-bandisti, huwa kien organizzalhom xalata bil-karrozzini għal San Pawl il-Baħar kollox imħallas minnu. Ta' min josserva li din ix-xalata bil-karrozzini wara l-festa ta' San Gejtanu kienet saret tradizzjoni li baqgħet issir sa diversi snin.



Wara s-Sur Gavin Portelli laħaq president is-**Sur Alfonso Triolo** li kien għad għandu 27 sena. Infatti is-Sur Triolo jitqies bħala l-iżgħar president li kellha s-Soċjetà. Huwa twieled il-Belt fl-1870 u kien *storekeeper* mar-*Royal Army Ordinance Corps*.

Is-Sur Triolo kien bniedem ta' intelliġenza u ta' ħila amministattiva kbira. Minkejja l-età tiegħu huwa kien ta' karattru sod u pożittiv u kellu serjetà kbira. Huwa kien joqgħod attent fejn jidħlu l-finanzi tas-Soċjetà u jara li dawn jintefqu bl-akbar skruplu aktar u aktar meta l-flus fil-kaxxa tas-Soċjetà ma tantx kienu f'qagħda tajba. Is-Sur Triolo kien żagħżugħ prattiku u realistiku li jaf jaħseb malajr u jiddeċiedi malajr.

Waħda mill-ewwel affarijiet li għamel is-Sur Alfonso Triolo kien li ttraduċa l-istatut mit-Taljan għall-Malti. Huwa għadda biex irriforma l-banda billi ħatar lis-Surmast Antonio Miruzzi bħala direttur tagħha. Minn hemm huwa daħħal ħafna ħidmiet rikreattivi li bid-dħul tagħhom setgħu jinxtraw xi strumenti u uniformijiet tas-sajf għall-bandisti ġodda. Is Sur Triolo li għamel sentejn biss bħala president kien iħeġġeġ ħafna lil sħabu tal-kumitat biex iħabirku jsibu dar aktar qrib lejn il-parroċċa.

Wara r-rizenja tas-Sur Triolo li saret minħabba raġunijiet familjari, fl-1899 ġie elett president **is-Sur Antonio Giacomotto.**



Is-Sur Giacomotto kien wieħed mill-ewwel imseħbin tas-Soċjetà u qabel laħaq president kien għamel xi sentejn bħala membru tal-kumitat.

Antonio Giacomotto kien bniedem ċajtier u ta' natural ferrieħi iżda bieżel u ħabrieki. Kien imdaħħal fl-industrija tal-bini li dak iż-żmien fil-Ħamrun kien tiela' b'ritmu mgħaġġel. Is-Sur Giacomotto kien bena l-ewwel sala teatrali fil-Ħamrun li semmieha "Cristoforo Colombo" fejn intwera l-ewwel dramm "Il-figlio Prodigo". Wara xi żmien huwa bena it-teatru Real li aktar tard ħa l-isem ta' Teatru Odeon fi Triq id-Duluri. L-Odeon kien l-ewwel ċinematografu u l-ewwel talkies fil-Ħamrun. Illum nafu li l-Odeon m'għadux jeżisti u minfloku telgħu appartamenti. Fost bini ieħor jingħad li s-Sur Giacomotto bena d-dar fejn jinsab il-każin illum u fejn kellu x-xorti li jkun president għal sentejn.

Dak iż-żmien il-bandisti kienu forza qawwija u kienu jattendu kollha għall-elezzjoni tal-kumitat u għall-għażla tas-surmast direttur. Huma pproponew li ssir ri-organizzazzjoni tal-banda bil-għan li tieħu spinta sew 'l quddiem. Sadanittant il-President Giacomotto ssuġġerixxa li jsir xi tibdil strutturali u abbelliment fil-każin. Biex jitħallsu dawn l-ispejjeż bdew isiru rappreżentazzjonijiet teatrali fis-sala Cristoforo Colombo u bdiet ssir ukoll mill-ġdid it-tombla l-kbira. Dawn iż-żewġ attivitajiet li għalihom kien ikun hemm attendenza kbira kienu jħallu introjtu tajjeb għas-Soċjetà.

Minkejja li fl-1901 is-Sur Giacomotto rreżenja minn president, huwa baqa' mdaħħal f'karigi oħrajn għal bosta snin. Is-Sur Antonio Giacomotto miet ta' 88 sena fl-1941.



## Il-Banda San Ġużepp



Kif rajna aktar 'il quddiem l-ewwel surmast tal-Banda San Ġużepp kien Carmelo Doneo. Maestro Doneo kien meqjus bħala l-veru missier tal-Banda għax kien hu l-ispirazzjoni u l-animazzjoni tagħha. Huwa kien irnexxielu jwaqqaf din l-ewwel banda fil-Ħamrun b'sabar, għaqal, ħidma u maestrija kbira.

Ta' statura xi ftit imbaċċa u qsajjar Maestro Doneo kien surġent fil-banda tar-R.M.M. Huwa kien mużiċist magħruf kemm fil-banda militari kif ukoll ma' baned ċivili ta' dak iż-żmien. Kien surmast metodiku kemm fit-tagħlim tal-istudenti kif ukoll fit-treġija tal-banda. Minbarra l-Banda San Ġużepp Maestro Doneo kien surmast direttur ta' baned oħra. Minħabba l-impenji tiegħu kemm fil-banda tar-reġiment kif ukoll f'oħrajn lokali flimkien mat-tagħlim tal-allievi, Maestro Doneo ma kienx jibqagħlu ħin għall-kompożizzjoni. Madankollu hemm xi kompożizzjonijiet mużikali tiegħu f'xi baned li kien jidderiġi.

L-ewwel ħaġa li għamel Maestro Carmelo Doneo fil-każin kienet it-twaqqif ta' skola tal-mużika. Huwa kien iħares biss lejn dak il-jum li joħrog il-Banda San Ġużepp tesegwixxi l-ewwel programm tagħha. Huwa ħadem bla heda u stinka kemm felaħ biex jara din il-ħolma ssir realtà.

Wara sentejn ta' paċenzja, sagrifiċċji u tagħlim intensiv, Maestro Doneo ħareġ il-banda tiegħu biex twettaq l-ewwel programm tagħha fil-pubbliku u biex tferraħ lill-poplu Ħamruniż. Dan seħħ nhar is-6 ta' Awwissu 1892 lejlet il-festa ta' San Gejtanu.

L-istudenti l-ġodda megħjuna minn xi bandisti Ħamruniżi li kienu fl-armata u xi bandisti barranin wettqu programm varjat ta' mużika

sinfonika u operistika taħt it-tmexxija perfetta ta' Maestro Carmelo Doneo. Is-siltiet esegwiti ġew milqugħin b'applawsi kbar mill-folla li nġabret biex tisma' dan l-ewwel programm tal-Banda San Ġużepp. Kemm l-applawsi kif ukoll kummenti li saru wara l-programm servew ta' inkorraġġiment għall-bandisti l-ġodda biex f'qalbhom tkompli titkebbes il-fjamma ta' mħabba għall-arti mużikali.

Il-kummenti favorevoli u ta' inkorraġġiment ma ġewx biss mis-semmiegħa iżda anki minn żewġ gażżetti influwenti tal-epoka.

Il-Gazzetta di Malta tal-10 ta' Awwissu 1892 kellha dan minn korrispondent:

*...F'din l-okkażjoni s-Soċjetà Filarmonika tal-Ħamrun wettqet għall-ewwel darba fil-pubbliku programm xelt li ħadd ma kien jistennieh fejn il-banda wriet il-progress kbir li għamlet f'qasir żmien minn kemm ilha mwaqqfa. Wara s-sinfonija, id-direttur Doneo ġie rregalat bukkett fjuri filwaqt li s-Sur Temi Conti (President) faħħar id-diliġenza tas-Surmast u tal-allievi żgħażagħ. Wara li ndaqqet is-selection, il-Kappillan u l-Prokuratur ippreżentaw żewġ bukketti fjuri, wieħed lill-President u l-ieħor lis-Soċjetà. Is-Sur P. Cristiano (Segretarju) għamel diskors ta' inkoraġġiment li ġie milqugħ tajjeb u applawdit ħafna mill-bandisti u minn dawk li kienu preżenti. Ma nistgħux ma nagħtux prosit mill-qalb lis-Surmast Doneo għall-progress li għamlet il-banda taħt it-tmexxija tiegħu kif ukoll lill-bandisti għas-suċċess li kisbu mill-istudji tagħhom u nħeġġuhom li jkomplu jitgħallmu b'din ir-rieda qawwija.*

Il-gazzetta Il-Malta Tagħna tat-13 ta' Awwissu 1892 kitbet:

*Din is-sena għall-festa ta' San Gejtanu daqqet l-ewwel darba l-banda tal-Ħamrun jisimha San Ġużepp. Din il-banda għal ftit li ilha daqqet mill-aħjar. Prosit lis-Surmast Doneo u lill-iskulari tiegħu.*

## Id-Dar tas-Soċjetà

Illum kulħadd jagħraf li s-sede tas-Soċjetà Filarmonika San Ġużepp tinsab fl-aktar post ċentrali fil-Ħamrun, eżattament faċċata tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu. Iżda din ma kenitx id-dar tas-Soċjetà minn dejjem.

Għall-ewwel il-promuturi tas-Soċjetà kienu jiltaqgħu f'dar fi Triq San Gejtanu kif wieħed idur max-xellug mit-triq il-Ġdida li llum inbidel isimha għal dak ta' Triq Anton Buttiġieġ. Wieħed irid jgħid li fis-sena 1889 meta twaqqfet is-Soċjetà ftit kien hemm djar f'din it-triq u dawn ma kinux enumerati. Skont ċensiment li kien għamel il-kappillan fis-sena 1882, din it-triq lanqas biss kienet teżisti. Jidher ukoll li skont ir-reġistru elettorali tal-1891, erba' persuni biss kienu intitolati għall-vot f'din it-triq twila u wieħed minnhom kien il-Kappillan Valletta. Mal-ħatra tas-Sur Temi Conti bħala president, il-promuturi ngħataw b'kera mill-istess Temi Conti waħda mid-djar tiegħu fi Triq San Ġużepp. Id-dar kellha n-numru 150 li aktar tard sar numru 233.

Sadanittant is-Soċjetà bdiet għaddeja minn baħar imqalleb ħafna tant li għal xi żmien kien jidher li ser tisfaxxa. Matul dik li tista' tissejjaħ bħala waħda mill-paġni koroh tas-Soċjetà kien hemm tilwim serju bejn membri tal-kumitat. Minħabba ċerti diffikultajiet is-Surmast Carmelo Doneo kien irreżenja. Il-bandisti kienu qed iħossu n-nuqqas ta' interess tiegħu fil-banda u fl-iskola tal-allievi . Is-soċi sussidjarji naqqsu ħafna u l-introjtu naqas ukoll. Sadanittant il-kumitat li kien bla president, ħatar lis-Sur Alex Agius bħala surmast direttur. Il-kumitat ittrasferixxa l-każin żewġ bibien 'l fuq, fil-Barumbara ħdejn il-ħanut Emmanuel's House kantuniera ma' Triq Santa Marija.

Minkejja dawn l-isforzi l-qagħda mwegħra kompliet titgħarraq għax fuq kollox il-post il-ġdid xejn ma kien adattat u l-attivitajiet soċjo-kulturali waqfu għal kollox.

Fost is-soċi li xtaqu l-ġid lis-soċjetà u li l-kriżi li kienet tinsab fiha titwarrab għal kollox, kien hemm is-Sur Antonio Vella. Is-Sur Antonio Vella (li għad nitkellmu dwaru) offra waħda mid-djar tiegħu li kien għadu kemm bena fi Triq San Gejtanu bħala dar provizorja sakemm is-Soċjetà tkun f'qagħda aħjar u ssib dar viċin lejn il-Knisja.

Is-Soċjetà San Ġużepp għaddiet madwar sentejn f'din id-dar. Il-Kumitat ma kienx kuntent fil-post għax minbarra li t-triq kienet għadha fil-bidu tal-proċess ta' kostruzzjoni, id-dar kienet imwarrba u mhux milħuqa min-nies.

Wara ħafna taħbit u tiftix, il-Kumitat sa fl-aħħar sab opportunità li jiċċaqlaq minn Triq San Gejtanu għal ħdejn il-knisja. Id-dar kienet dik fejn illum hemm is-Civic Club. Il-pożizzjoni tad-dar kienet waħda prominenti iżda kienet nieqsa minn diversi kumditajiet li jissodisfaw għaqda bandistika.

Wara ħafna taħbit, tiftix bla heda u ħidma intensiva, dawk in-nies ta' qalb kbira u ta' rieda żonqrija xeħtu għajnejhom fuq id-dar kbira ta' quddiem il-knisja li dak iż-żmien kienet okkupata mit-tabib Carbone. Il-Kumitat kien ħerqan u ferħan li jara t-trasferiment tas-Soċjetà fil-lokal preżenti. Matul iż-żmien f'din id-dar saru ħafna alterazzjonijiet meħtiega biex illum, id-dar inbidlet f'wieħed mill-aqwa u mill-isbaħ każini mużikali li hawn Malta.

## Is-Surmast Antonio Miruzzi



Kif intqal aktar 'il fuq is-Surmast Carmelo Doneo ddeċieda li jiddimetti mill-kariga ta' surmast direttur. Huwa kien ilu jmexxi l-banda San Ġużepp għal disa' snin. Wara l-ħatra tas-Sur Alex Agius, li nistgħu ngħidu kienet waħda proviżorja, il-Kumitat ħass li ma kellu ebda alternattiva ħlief li

jaħtar surmast ieħor u l-għażla waqgħet fuq is-Surmast Antonio Miruzzi, għażla li nistgħu ngħidu li kienet waħda tassew għaqlija u li ħalliet il-frott tagħha.

Antonio Miruzzi kien diġà magħruf ħafna fil-kamp mużikali u kellu esperjenza kbira fit-tmexxija peress li kien surmast tal-Banda La Valette, tas-Soċjetà Mandolinistika La Valette, surmast tal-Cavalieri di Malta ta' tas-Sliema u dik tal-Mosta Nicolò Isouard. Wara l-ħatra tiegħu bħala surmast direttur tal-Banda San Ġużepp, is-surmast Antonio Miruzzi żied l-impenji tiegħu f'baned oħrajn bħalma kienu S.Pio X ta' Ħal-Lija, il-Beland taż-Żejtun u Sant'Andrija f'Ħal Luqa.

Is-Surmast Miruzzi mill-ewwel fehem li l-banda kellha bżonn min jagħtiha spinta 'l quddiem u li kien hemm il-ħtieġa ta' riorganizzazzjoni. Huwa sab il-koperazzjoni tal-kumitat u tal-bandisti u beda biex jagħti ħafna importanza lit-tagħlim tal-istudenti. Għal dak li hu tagħlim u taħriġ tal-istudenti, is-Surmast Miruzzi kellu l-għajnuna ta' għalliema oħrajn bħalma kienu s-surmastrijiet Emanuel Spiteri, Alfonso Gauci u Willie Attard.

Antonio Miruzzi tgħallem il-mużika minn għand zijuh li għal xi żmien kien surmast tal-Banda La Valette. Huwa kien jieħu l-mużika b'serjetà kbira. Huwa kien daħħal ċerta dixxiplina fil-banda u ma kienx jittollera l-ebda assenza mingħajr ġustifikazzjoni. Fil-fatt dawk il-bandisti li kienu jonqsu għall-kunċerti jew li ma jurux amor proprju għall-banda kienu jitwarrbu minnu. Izda minkejja li kien strett kif ukoll esiġenti, Maestro Miruzzi kellu ammirazzjoni mill-bandisti kemm f'dak li hu tagħlim kif ukoll fid-direzzjoni perfetta tiegħu.

Meqjus bħala kompożitur prolifiku u versatili, Antonio Miruzzi kkompona fantasiji, sinfoniji, melodiji u għadd kbir ta' valzi, polki, mażurki, kavotti u marċi. Ir-reputazzjoni tiegħu bħala kompożitur xterdet

mal-pajjiż kollu. Minbarra marċi brijużi Mro Miruzzi kkompona wkoll sett ta' marci funebri li minkejja li tant għadda żmien minn fuqhom, għadhom jindaqqu minn bosta baned fil-funerali jew programmi sagri.

Fl-1901, is-Surmast Antonio Miruzzi permezz tal-kompożizzjoni tiegħu "Inno a San Gaetano" ħalla lis-Soċjetà San Ġużepp l-aqwa monument ħaj. Dan il-kapulavur Antonio Miruzzi kitbu fuq versi tas-Sur Ninu Dalli bit-Taljan u kien jitkanta mill-kor ta' tfal bniet u subien u żewġ vuċijiet. Fl-1945 il-poeta Dun Frans Camilleri qalbu għall-Malti u fl-1950 l-Innu San Gejtanu jew l-Innu l-Kbir kif ħafna jsibuh, beda jitkanta mill-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia.

## Il-President Anacleto Conti



Fis-sena 1901, il-presidenza tas-Soċjetà għaddiet mingħand is-Sur Antonio Giacomotto għal għand is-Sur Anacleto Conti. It-tnejn li huma kienu jaħdmu id f'id biex jaraw lis-Soċjetà miexja dejjem 'il quddiem.

Is-Sur Anacleto Conti kien għalliem fl-iskola primarja l-Ħamrun u kien magħruf minn kulħadd bħala bniedem paċenżjuż, edukat, metodiku, ġeneruż u karittattiv. F'kull l-aħħar tax-xahar kien iżur xi morda u jqassmilhom xi ħaġa żgħira.

Is-Sur Conti ma kellux irbit familjari u għalhekk is-Soċjetà kienet l-unika familja li kellu. Ħajtu għaddiha f'xogħol ta' amministrazzjoni u f'xogħol ta' benefiċenza. Huwa saħħaħ l-ekonomija tas-Soċjetà u waqqaf għaqda filodrammatika li kienet ittella' drammi fis-sajf fil-bitħa tal-każin u fix-xitwa fis-sala teatrali Cristoforo Colombo. Is-Sur Anacleto Conti kien witta t-triq għal dawk li huma passatempi sportivi jew ta' xorta oħra. Huwa kera mejda tal-billiard u kien daħħal il-logħob tal-karti biex is-soċi anzjani jkollhom f'hiex jgħaddu l-ħin. Ma kellux f'hiex iħabbel rasu

f'dik li hi banda għax kien jaf li din kienet taħt it-tmexxija ta' direttur mill-aqwa. Sadanittant huwa saħħaħ ir-relazzjonijiet li kien hemm bejn is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp u l-Filarmonica La Vallette.

Is-Sur Anacleto Conti temm il-kariga presidenzjali tiegħu fl-1904 fejn insibu li t-treġġija tas-Soċjetà reġgħet ġiet f'idejn is-Sur Temi Conti, l-ewwel president tagħha. Iżda biex inkomplu bi ftit tagħrif ieħor dwar is-Sur Anacleto Conti tajjeb li ngħidu li kien wieħed mill-pijunieri biex fl-1919 twaqqfet il-Malta Union of Teachers. Għal xi żmien huwa serva ta' segretarju u kien ilaqqa' f'daru s-seduti tal-esekuttiv tal-Union.

Fl-1939 meta s-Soċjetà San Ġużepp iċċelebrat il-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha onorat lis-Sur Anacleto billi tagħtu l-akbar onorifiċenza tagħha dik ta' *Primo Socio* u stednitu biex jikxef il-lapida kommemorattiva. Is-Sur Conti miet fl-1947 u fil-funeral tiegħu, li kien wieħed kbir, ħadet sehem is-Soċjetà li tant kien iħobb u li tant ħadem għaliha, kemm bħala president kif ukoll bħala membru. Dakinhar tal-funeral is-Soċjetà kienet rappreżentata bil-Kumitat u b'ħafna membri tagħha kif ukoll bil-banda.

Fit-tieni terminu tiegħu s-Sur Temi Conti mexxa lis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp sas-sena 1925. F'dan il-perjodu nistgħu ngħidu li kienu ħafna l-impenji tal-Banda San Ġużepp, impenji li mhux possibbli li nitrattaw dwarhom f'din it-taqsima iżda ngħidu biss li dan kien żmien meqjus bħala żmien tad-deheb għall-banda.

## Tat-Tamal u Tal-Miskina

Fis-sena 1906, wieħed mill-ħafna impenji tal-Banda San Ġużepp kien fil-Furjana. Għal dan is-servizz kien hemm xi bandisti li naqsu li jmorru għalih mingħajr la għarrfu lis-surmast u lanqas lid-delegati tal-banda. Is-Surmast Miruzzi rrapporta lil dawn il-bandisti lill-Kumitat biex jiġġustifikaw l-assenza tagħhom.



Il-Kumitat deherlu li l-iskuża miġjuba minn wieħed mill-bandisti ma kinitx valida u ddeċieda li jkeċċi lill-istess bandist mill-banda u mill-każin. Din it-tkeċċija qanqlet reazzjoni minn xi bandisti li dehrilhom li t-tkeċċija tal-bandist kienet deċiżjoni ħarxa u inġusta. Tnejn minn dawk li pprotestaw ġew imkeċċija wkoll wara li f'Seduta Ġenerali nstabu ħatja ta' nuqqas ta' stima u ta' rispett lejn il-President u lejn Uffiċjali tal-Kumitat.

B'riżultat ta' dawn id-deċiżjonijiet grupp ta' bandisti u xi soċi telqu lis-Soċjetà San Ġużepp u wara xi ftit xhur iffurmaw banda għalihom, il-Banda San Gejtanu. L-ewwel każin tal-Banda San Gejtanu kien ħdejn il-ħanut ta' ċertu Grabiel li kien jagħmel l-imqaret tat-tamal. Il-partitarji tas-Soċjetà San Ġużepp laqqmu l-każin tal-avversarji tagħhom bħala *l-Każin tat-Tamal.* Min-naħa l-oħra tat-Tamal malajr laqqmu lil ta' San Ġużepp bħala *l-Każin tal-Miskina* u dan għax bit-tluq ta' tant bandisti u soċi għal mal-banda l-ġdida skont huma, kienu saru veru msieken.

***L-istorja tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp titkompla s-sena d-dieħla.***

Nixtieq nagħmel appell biex dawk il-membri, speċjalment dawk l-anzjani, li għandhom xi tagħrif storiku, xi esperjenza jew xi ritratti antiki li għandhom x'jaqsmu mas-soċjetà biex jagħmlu kuntatt miegħi. F'dan l-istadju ta' riċerka kull tagħrif ikun ferm apprezzat.

*Is-Segretarju Ġenerali*